# Is-Surmast Ninu Azzopardi

kitba ta' Stephen Azzopardi

*"Bla dubju ta' xejn Ninu Azzopardi huwa kkunsidrat bħala l-iżjed u l-aqwa persuna li ħadem kemm felaħ fis-Soċjetà tagħna. Minn ċkunitu kellu għal qalbu din is-Soċjetà. Għal ħafna snin okkupa l-kariga ta' Segretarju, u kien ukoll il-Fundatur u Surmast Direttur tal-Grupp Mandolinistiku, magħruf bħala Circolo Orcestrale Sant' Andrea, Villa Lija."*

Hekk jikteb Giovanni Cutajar, eks-Segretarju tas-Soċjetà dwar is-Surmast Ninu Azzopardi fil-ktieb li kiteb bit-tagħrif storiku f'għeluq il-100 sena mit-twaqqif tal-Każin (1880-1980). U bir-raġun kollu, għax Ninu Azzopardi, mlaqqam 'il-Loqq', għamel ħiltu kollha biex jara s-Soċjetà timxi 'l quddiem, kemm bħala segretarju, fejn dam jokkupa din il-kariga għal diversi snin , kif ukoll bħala surmast direttur ta' l-Orkestra Sant'Andrija.



Surmast Ninu Azzopardi

Mela ftit jiem biss wara l-festa tas-sena l-oħra, nirċievu ittra mingħand Mary Azzopardi, in-neputija tas-Surmast Ninu Azzopardi, li toqgħod tas-Sliema. Qaltilna li rat il-programm televiżiv dwar il-festa tagħna, u fl-intervista li kellna semmejna lis-Surmast Azzopardi. Bħala rikonoxximent baghtitilna ritratt antik ferm fejn grupp ta' mużiċisti qegħdin idoqqu fit-terrazzin ta' fuq tal-każin stess. Aħna minn naħa tagħna ħadna gost b'dan ir-ritratt għax b'dispjaċir ngħidu li għalkemm għandna diversi biċċiet mużikali ta' dan is-surmast, il-qniepen li kienu jintużaw fl-orkestra u materjal ieħor, però ritratt ta' l-orkestra qatt ma kellna. Minn naħa tagħna kkuntatjajna lis-Sinjura Azzopardi, li fl-età ta' aktar minn 90 sena għadha tiftakar sew il-ħidma taz-ziju tagħha, Ninu, f'Ħal Lija, billi kienet tiġi ta' spiss toqgħod miegħu. Morna d-dar tagħha f'tas-Sliema u għamilna l-isbaħ sagħtejn nisimgħu lil Mary tirrakkonta sa qabel żmien il-gwerra dwar il-ħajja ta' Ninu Azzopardi meta dan kien imexxi l-orkestra tal-Każin. Sfortunatament Ninu Azzopardi miet ta' età żgħira, fl-1946, wara marda qasira. Minn hemmhekk

bdew kuntatti mal-Familja Azzopardi fejn bi pjaċir selfitna ħafna ritratti antiki li kienu ta' l-istess Ninu Azzopardi kif ukoll irregalat il-bakketta li biha kien imexxi l-orkestra tal-Każin kif ukoll numru sabiħ ta' antifoni, fosthom antifona tas-Salvatur, innijiet u sinfoniji, Ave Maria u ħafna oħrajn. Permezz ta' dan l-artiklu nixtiequ nirringrazzjaw pubblikament lill-Familja Azzopardi tal-ġest sabiħ li għamlu u nirringrazzjawhom ta' l-għotja li għamlu lis-Soċjetà tagħna. Dawn jibqgħu tifkira dejjiema u ħajja tas-Surmast Ninu Azzopardi fi sede tagħna.


Is-Surmast Ninu Azzopardi

## Minn kien sewwasew is-Surmast Ninu Azzopardi?

Ninu Azzopardi twieled fid-29 ta' Jannar 1890 f'Ħal Lija, fl-istess waqt li missieru miet u ħallih iltim. Ninu trabba ma' zijietu – ħut missieru. Ta' ħames snin narawh liebes ta' abbati, iħabrek għax ried isir qassis, kuljum il-knisja jgħin il-Quddies u jkanta fil-kor, u ta' għaxar snin daħal il-Liċeo. Il-Markiża Corunna Scicluna taf sewwa 'l ommu, tatha mandolina għal binha Ninu biex jitgħallem idoqqha. Billi f'dan iż-żmien, 1904, f'Ħal Lija kienet twaqqfet Soċjetà Mandolinistika, Ninu ma ħabrikx ftit biex ifittex jitgħallem idoqq u jidħol f'din is-Soċjetà. Iżda ġara li meta wasal biex jieħu sehem ma' din l-Għaqda, sfratta kollox! Ninu ma qatax qalbu, kera kamra, għaqqad miegħu nofs tużżana żgħażagħ bħalu, u mill-ftit li kien jaf huwa, beda jgħallimhom il-mużika u jdoqqu l-mandolina. Dan kien il-bidu ta' kif Ninu tħeġġeġ għall-mużika.

Ninu, bin il-faqar u ltim, ħass x'iqabbżu biex jibda jgħin ruħu. Għamel eżami għal apprendista fit-tarzna, għadda u beda s-sengħa ta' *Boiler Maker*, sengħa ta' tbatija u li ma kienet togħġbu xejn. Matul il-jum medhi fuq ix-xogħol u filgħaxija fil-Każin Sant'Andrija jitgħallem u jgħallem il-mużika. Biex jgħaddi 'l quddiem fl-arti mużikali, Ninu nxteħet b'ruħu u ġismu f'idejn l-imsemmi Kontrapontista Ġużè Abdilla. Kulfejn tarah, fit-triq, fil-każin, mal-ħbieb, u sa fuq ix-xogħol, bil-karta tal-mużika f'ħobbu ta' sikwit joħroġha, u jagħtiha daqqa ta' għajn! Ħabatlu tajjeb, li *chargeman* tat-*Time Keepers* tad-*Dockyard* kien mużiċista ieħor, is-Surmast Lorenzo Galea tal-Birgu. It-tnejn

entużjażmati għall-arti sabiħa tal-mużika, tħabbu daqs aħwa, u Ninu sab fih l-ikbar għajnuna. F'dan iż-żmien, l-orkestra tiegħu fil-Każin Sant'Andrija, kibret ġmiela fil-għadd, għaddiet 'il quddiem u bdiet tesegwixxi bċejjeċ minn opri teatrali wkoll.


Ninu Azzopardi u sħabu jdoqqu fit-terrazzin tal-Każin

Ninu dam għaxar snin jistudja l-armonija, il-kontrapont, il-fuga u l-istrumentazzjoni. L-ewwel xogħol tiegħu kien marċ li semmieh 'Liana'. Iżda, billi minn dejjem miġbud lejn il-knisja, tħeġġeġ wisq aktar għall-mużika sagra, u kkompona 'Salve Regina', 'Antifona tas-Salvatur', 'Litanija', 'Tantum ergo' u 'Intermezzo Religioso'. Dan l-intermezz ġie l-ewwel f'konkors fil-Liceo Mużikali ta' Napli u l-kompożitur ingħata diploma ta' l-unur u ddekorat b'salib tad-deheb. Ma damx ma kiseb salib tal-fidda mill-istess awtoritajiet għal intermezz ieħor jismu 'Giuditta'. Fl-1924, ikkompona l-innu 'Ġesù sul Tabor' u tiegħu kiseb diploma u midalja mill-British Empire Exhibition. Fl-1925 ħareġ b'Quddiesa 'Messa di N.S. Gesù Cristo secondo il-moto proprio', li Abdilla stess ikkonsidraha bħala kapolavur. Din il-Quddiesa ġiet approvata, imfaħħra u ppremjata fl-1926 mill-Autorità Ecclesiastica del Vaticano.

Wara dawn is-suċċessi kollha, Ninu Azzopardi tgħallem il-pjanuforti u l-orgni għand is-Surmast Carlo Diacono, infatam mix-xogħol materjali tat-Tarzna, u nxteħet għall-mużika biss. Daħal membru fl-Għaqda tal-Mużiċisti u Kompożituri Maltin, sar organista u mbagħad *Maestrto di Cappella* tal-parroċċa tagħna. F'Ħal Lija fetaħ klassi tal-mużika, u beda jesegwixxi servizzi sagri fi knejjes ta' barra mir-raħal ukoll. Fl-1932, fiċ-ċentinarju tas-Salvatur, fit-tmint ijiem festi li saru, esegwew il-mużika fil-knisja: Lorenzo Gonzi, Salvino Caruana, Vincenzo Bugeja. Karlu Diacono u Ninu Azzopardi. Dakinhar iżżanżnet il-Quddiesa l-Kbira tiegħu.

Fid-19 ta' Novembru 1946, is-Surmast Ninu Azzopardi dderieġa l-aħħar darba Quddiesa Novella tas-saċerdot Ġiżwita Patri Ġann Camilleri. Dakinhar deher mhux f'siktu u f'sitt ijiem, ma nofs il-lejl tal-25 ta' Novembru 1946, ħarbitlu l-aħħar karba minn qalbu u l-aħħar demgħa minn għajnejh.

Sarulu funerali kbar kif kien jixraqlu bħala iben Ħal Lija, mużiċist brillanti u li ta ħinu f'kull sens biex ikabbar il-kultura mużikali f'pajjiżna.



Is-Surmast Ninu Azzopardi miet però ħalla wirt mużikali kbir fosthom:

Mużika Sagra: 12-il Quddiesa, 4 Vespri, 9 Salve, 14-il Litanija, 35 Tantum Ergo, 29 Innu, 6 Magnificat, 8 Responsorji, 8 Responsorji tal-Matutin, 8 Responsorji tal-Mejtin, 7 Liberi, Te Deum, 11-il Impropterja, Miserere, Passju, 7 Antifoni tas-Salvatur, 23 Antifon oħra, 7 Deus, 17-il Offertorju, 20 Gradwali.

Mużika Profana: 2 Marċi, Valzer, 4 Intermezzi, 3 Innijiet u Sinfonija.

Mużika Teatrali: l-Operetta 'Isacco'.

Kompożizzjonijiet għat-tfal.

LLMA
COMPANY LIMITED
George Cassar - Managing Director

76, 'Gorgrace', Drama Street,
Qormi QRM 06, Malta.

Tel: (+356) 2144 9860
Fax: (+356) 2148 8199
Mob: 9949 7357
email: gcassar@llma.com.mt

